MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 231/2005

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-22 ta’ April 2005, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ elfejn, seba’ mija tnejn u tmenin lira u disgha u sittin centezmu Maltin (Lm2,782.96) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm179.32 ghall-konsum ta’ l-ilma u kera ta’ meter ta’ l-ilma u in kwantu ghas-somma ta’ Lm2603.64 ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera tal-meter tal-elettriku fil-fond Charles Garage, Triq tal-Balal, San Gwann; Edmond Garage Triq Agosrino Matrenza, San Gwann; Savemart Shop, Triq tal-Balal San Gwann, matul il-perijodu bejn it-8 ta’ Marzu 1999 sat-2 ta’ Awwissu 2001 skond il-kontijiet numri 49710311, 49710338 u 49710303 u d-dokumenti annessi (WSC1, WSC2 u WSC3).

Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-25 ta’ Gunju 2003, kontra l-konvenut li jinsab ngunt in subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni permezz ta' affissjoni fl-indirizz moghti fl-avviz, fl-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u fil-kunsill lokali ta' Haz-Zabbar nhar it28 ta' Marzu 2007, u bil-publikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern nhar l-24 ta' April 2007 u fil-gazzetta lokali '*The Times'* fil-harga tad-9 ta' Gunju 2007.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2007 is-socjeta konvenuta pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 il-konvenut s-socjeta gie imsejjah izda ma dehritx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn, seba' mija tnejn u tmenin lira u disgha u sittin centezmu Maltin (Lm2,782.96) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------